# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 89/2022/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Clayton Azzopardi**

Illum 17 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Clayton Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 336388(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-18 ta' Settembru 2014, fis-27 ta' Mejju 2016, fid-29 ta' Settembru 2016 u fiż-żmien u x-xhur ta' qabel, ġewwa Malta u dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' Saviour Seguna u/jew persuni oħra liema qliegħ jammonta għal aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel xi qliegħ ieħor b'qerq għad-detriment ta' Saviour Seguna u/jew persuni oħra liema qliegħ jammonta għal aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni ta' ċedola, polza, ordni jew dokument ieħor li meta jiġi ppreżentat wieħed jista' jirċievi ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ta' Malta;

4. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi, jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippresjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri LL.D. datata 12 ta' Mejju 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

7. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 42, 49, 50, 183, 184, 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-sitt (6) imputazzjoni, illiberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni u sabitu *"ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi li din hija alternattiva għall-ewwel (1) akkuża, ir-raba' (4) u l-ħames (5) akkużi li din hija mezz għal fini tar-raba' (4) akkuża u s-seba' (7) akkuża kif dedotti kontrih"* u kkundannatu erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija.  A bażi ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat għal ħlas lura tal-flejjes ammontanti dak li ġie misruq minnu (mill-imputat).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha*

*i) tiddikjara n-nullita' tas-sentenza appellata; jew*

*ii) tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġie lliberat mit-tielet akkuża u astjeniet mis-sitt akkuża, tirrevoka u tħassarha fil-bqija u tilliberah minn kull ħtija u piena; jew*

*iii) tvarja l-piena għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2025.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 463 *et seq.*), din il-Qorti laqgħet talba tal-appellant sabiex jiġi mħejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu.

Rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1") mħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler fil-konfront tal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu. F'dan l-aggravju l-appellant jargumenta li s-sentenza appellata hija nulla minħabba li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet iżda ddikjarat li huma alternattivi. Jisħaq li dan huwa kontradittorju u jargumenta li jekk l-Ewwel Qorti riedet issib ħtija għar-reat ta' frodi innominat, hija kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni li tikkontempla t-truffa u mhux issib ħtija taż-żewġ imputazzjonijiet. Jargumenta li filwaqt li jista' jagħti l-każ li r-reat ta' truffa u r-reat ta' frodi innominat jingħataw bħala imputazzjonijiet alternattivi, l-istess fatti ma jistgħux jirriżultaw f'sejbien ta' ħtija tagħhom it-tnejn.

Illi da parte tiegħu l-Avukat Ġenerali jirribatti billi jirreferi għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li l-ebda formalita' imsemmija f'dan l-artikolu ma nkisret mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub

ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi riferenza sejra issir għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabrizio Lambelet** (Numru 102/2022) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma tinneċessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Maġistrat jew inkella li din tkun waħda motivata. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Albert Bezzina**[1] intqal:
>
> [...]
>
> Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi sabitu ħati tal-akkużi kollha salv it-tieni akkuża però filwaqt li fis-sentenza mogħtija fil-verbal hemm liberazzjoni mit-tieni akkuża fis-sentenza dattilografata ma hemmx referenza għat-tieni akkuża u għalhekk la ġie misjub ħati tagħha u lanqas ma ġie liberat minnha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[1] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994."

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in eżami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha."

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata minn liema jirriżulta s-segwenti:

- hekk kif l-Ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat, hija qalet hekk (*a fol.* 358): *"Illi għalhekk il-Qorti tqies li l-akkużat għandu jinstab ħati tal-ewwel żewġ (2) reati addebitati kontrih"*;

- fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 389): *"Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli […] qiegħda ssib lill-akkużat Clayton Azzopardi ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi li din hija alternattiva għall-ewwel (1) akkuża, […]."*

Illi din il-Qorti tinnota li huwa neċessarju li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tgħid <u>ċar</u> liema huma l-imputazzjonijiet li tagħhom il-persuna mixlija ġiet liberata jew misjuba ħatja u li tniżżel l-artikoli tal-liġi minn liema jemerġu l-imputazzjonijiet li l-persuna mixlija tkun ġiet misjuba ħatja tagħhom (għax fin-nuqqas

ta' hekk, is-sentenza tkun waħda nulla). Fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom il-persuna mixlija tiġi liberata ma hemmx għalfejn jiġu msemmija l-Artikoli tal-liġi in kwistjoni pero' jekk jissemmew, dan il-fatt ma huwiex ser jannulla s-sentenza appellata ovvjament, kif diġa' ngħad, basta li l-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara għal kull imputazzjoni jekk hijiex qed tinstab ħtija jew le.

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, filwaqt li hija tinnota li tista' tasal għal ċertu konklużjonijiet, pero' dan mhux l-ispirtu tal-liġi. L-Ewwel Qorti kellha tkun ċara fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tagħha jew fil-liberazzjoni tagħha u dana b'mod speċjali meta f'ħin minnhom iddikjarat li imputazzjoni hija alternattiva għal oħra u sabet ħtija fit-tnejn li huma.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mary Vella** (Numru 177/2001) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, waslet għall-konklużjoni li din it-tieni imputazzjoni kienet alternattiva għall-ewwel waħda, u għaddiet biex tillibera lill-appellanti (allura imputata) minn din it-tieni imputazzjoni. Għal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diġà ngħad f'diversi sentenzi u ċioè li meta l-imputazzjonijiet jew akkużi jkunu alternattivi, qorti ta' prim'istanza li ssib ħtija dwar imputazzjoni jew akkuża minnhom għandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuża alternattiva iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni aktar tagħha, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tiġix prekluża milli tiddeċiedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkużi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naħa tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar*** App. Krim. 18/9/1996, ***Il-Pulizija v. Carmel Debono*** App. Krim. 1/11/1996, u ***Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva*** App. Krim. 20/11/2000."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Pace** (Numru 51/2005) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Issa kif ġie ritenut f'ġurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat ħati, jew meta minnha ma jirriżultax ċar ta' x'hiex l-appellant ġie misjub ħati, jew meta f'każ ta' imputazzjonijiet alternattivi, il-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati bla ma tgħid ta' liema miż-żewġ imputazzjonijiet hu ħati u għalhekk jiġi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat ħati, jew meta ma tgħid xejn dwar akkuża partikolari, hija nulla u jekk il-kawża tiġi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**" [26.11.1960]; "**Il-Pulizija vs. Frans Portelli**" [3.2.1992]; "**Il-Pulizija vs. Piju Gafa'**" [18.4.1959]; "**Il-Pulizija vs. Generoso Sammut**" [13.10.2004] u oħrajn).
>
> Veru li ġie ritenut ukoll fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit**" li [16.1.1986] meta s-sentenza oriġinali tkun miktuba fuq iċ-ċitazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formaliżmu ma hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-każ, għax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jiġri kważi dejjem fil-kawżi li jinstemgħu bil-proċedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija.
>
> Għalhekk in vista tad-diffikultajiet fuq ravviżati kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll minn din il-Qorti "ex officio" , din il-Qorti ma għandhiex alternattiva ħlief li tannulla s-sentenza appellata u […] biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed terġa' tibgħat l-atti lill-Ewwel Qorti biex, wara li tagħmel dak li

tħoss li għandu jsir in vista tal-kontestazzjoni tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni u dwar l-addebitu tar-reċidiva, okkorrendo billi tgħaddi biex tisma' l-provi dwar l-istess, tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid fuq dak li jirriżultalha b'mod li tgħid espressament ta' x'hiex qed issib ħtija w ta' x'hiex mhux qed issib ħtija w, f'każ li tirritjeni li xi akkuża hija alternattiva għal xi akkuża oħra li taħtha tkun instabet ħtija, tiddikjara li qed tastjeni ruħha milli tippronunzja ruħha dwar dik l-akkuża l-oħra alternattiva." [emfażi miżjuda]

Illi riferenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Stivala** (Numru 389/2007) fejn din il-Qorti qalet is-segwenti:

"Fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Mary Vella**" [1.2.2002] din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li:-

*"…meta imputazzjonijiet jew akkużi jkunu alternattivi, qorti tal-prim'istanza li ssib ħtija dwar imputazzjoni jew akkuża minnhom għandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuża alternattiva iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni aktar tagħha, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tiġix prekluża milli tiddeċiedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkużi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naħa tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens* ***Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar*** *App. Krim. 18/9/1996,* ***Il-Pulizija v. Carmel Debono*** *App. Krim. 1/11/1996, u* ***Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva*** *App. Krim. 20/11/2000.""*

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' April 1959 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Piju Gafa** fejn din il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Is-sentenza appellata hija nulla għaliex l-imputazzjoni kienet alternattiva ċioè waħda dik ta' responsabbilita' diretta, in linea prinċipali bħala awtur materjali tal-fatt, u alternattivament l-oħra dik ta' responsabbilta' indiretta bħala missier u kap ta' dar, għal fatt kontravenzjonali kommess mill-membri tal-familja. [...] L-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati, bla ma qalet però ta' liema miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti in vija alternattiva u li dippju huma ta' xorta tali li waħda teskludi l-oħra: għaliex "jew" l-imputat ikkommetta l-fatt hu stess, u allura sar ħati tal-ewwel imputazzjoni "jew" inkella ikkommetieh xi wieħed mill-familja tiegħu, f'liema każ kienet tintegra ruħha l-imputazzjoni alternattiva. Jiġi, għalhekk, daqs kieku l-Ewwel Qorti ma qalitx ta' x'hix sabet ħati lill-imputat, bi vjolazzjoni tal-artikolu 394 tal-Kapitolu 12; liema vjolazzjoni, skont il-liġi u l-"interpretatio fori", iġġib in-nullita' tas-sentenza."

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom

suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq appena ċitata ma huwiex identiku eżatt għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti fir-rigward tal-aggravju in eżami, pero' meta jiġu applikati s-sentenzi ċitati aktar 'il fuq għal dan l-aggravju għandu jirriżulta li l-appellant għandu raġun fl-ewwel aggravju tiegħu u dana meta l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u mbagħad ddikjarat li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni. F'każ li t-tieni (2) imputazzjoni kienet alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni u mhux issib ħtija fiha. Dan iwassal sabiex din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u b'hekk is-sentenza appellata qed tiġi dikjarata nulla.

Illi stabbilit dan din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) li ġiet ċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien

immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

Illi għaldaqstant ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju hekk kif kontenut fir-Rikors tal-appell tal-appellant Clayton Azzopardi u b'hekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**